Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,780, 20 ta' April, 1999
Taqsima D

K.L.B.L. 57/1/99

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Bye-Laws ta' l-1999 li Jemendaw il-*Bye-Laws* dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenità (Kunsill Lokali Santa Luċija)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 60 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, u skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 35 ta' l-imsemmi Att, il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dawn il-*Bye-Laws* jistgħu jissejħu l-*Bye-Laws* ta' l-1999 biex Jemendaw il-*Bye-Laws* dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenità (Kunsill Lokali Santa Luċija), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mal-*Bye-Laws* ta' l-1997 dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenità (Kunsill Lokali Santa Luċija), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-*Bye-Laws* prinċipali". K.L.B.L. 57/1/97.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jidħlu fis-seħħ xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jissostitwixxi t-Tieni Skeda tal-*Bye-Laws* prinċipali.

2. Minflok it-Tieni Skeda tal-*Bye-Laws* prinċipali għandha tidħol din l-iSkeda li ġejja:–

"IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 3)

DRITT GĦAD-DĦUL

Id-dritt għad-dħul ikun ta' 10 ċenteżmi kull persuna.".